# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Fl-atti tar-rikors ta' habeas corpus ta' Aidan Bartolo K.I. 225497M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Aiden Bartolo li permezz tiegħu huwa ppremetta illi wara li nhar l-14 ta' Frar 2016 ġie mressaq il-Qorti mixli li naqas milli jaderixxi ruħu mal-kondizzjonijiet imposti għall-ħelsien mill-arrest, fil-15 ta' Frar 2016 huwa ġie misjub ħati u kkundannat għal ġimgħatejn priġunerija. Din is-sentenza ġiet skontata nhar it-28 ta' Frar 2016. Minkejja li ġiet skontata din is-sentenza pero ir-rikorrent baqgħa miżmum detenut fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Dan kien qed isir illegalment in kwantu fl-ebda ħin ma l-Qorti rrevokat il-ħelsien mill-arrest kif jirriżulta mill-kopja tas-sentenza miktuba minn id il-Maġistrat li ddeċidiet dik il-kawża. Ir-rikorrent għalhekk tenna li d-detenzjoni tiegħu fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin kienet illegali u talab li jiġi meħlus immedjatament.

Semgħet ix-xiehda tal-Ispettur Kylie Borg għall-Kummissarju tal-Pulizija;

Semgħet ir-risposta tal-Avukat Ġenerali fis-sens illi

"

1. Illi mill-kopja tas-sentenza mehmuza mar-rikors miktuba minn id il-Magistrat Claire Stafrace Zammit jirrizulta li l-istess Qorti riedet tikkundanna lir-rikorrent ghal gimghatejn prigunerija u li ma jidhirx li sar provvediment iehor.
2. Minn pagna 2 tas-sentenza moghtija mill-Qorti u li tinsab stampata fil-process jirrizulta illi bi zvista giet inserita ukoll il-frazi "u filwaqt li tirrevoka d-digriet ta' l-helsien mill-arrest".
3. L-Avukat Generali jikkontendi illi s-sentenza li ghandha tipprevali fid-dawl ta' din id-diskrepanza hija dik miktuba di proprio pugno mill-Magistrat u mhux dik li tidher stampata fil-process. "

Rat ukoll li l-partijiet qablu li s-sentenza pronunzjata mill-Qorti bil-miftuh fil-15 ta' Frar, 2016 hija s-sentenza li tidher miktuba minn id il-Magistrat li tat is-sentenza.

Semgħet lir-rappreżentant tal-Avukat Ġenerali tiddikjara li f'dan il-każ id-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin ingħata l-kopja stampata tas-sentenza li kienet tikkontjeni fiha frażi li ma kienetx tidher fis-sentenza miktuba minn id il-Maġistrat li kienet tgħid li "u filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest" li fis-sentenza miktuba minn id il-Maġistrat ma kienetx

tinstab. Din il-frażi kienet tibdel is-sens kollu ta' dik il-parti tas-sentenza de quo. Kif kien jidher mill-atti kif ukoll minn dak mistqarr mill-Ispettur Kylie Borg fix-xiehda tagħha l-intenzjoni tal-Qorti kienet kjarament riflessa fis-sentenza li kienet miktuba minn id l-istess Maġistrat u mhux dik li ġiet stampata. Għalkemm ir-revoka kellha tkun waħda tassattiva pero ma rriżultax li sar appell minn dik is-sentenza u l-anqas setgħa issa jsir għax it-terminu tal-appell laħaq skada. L-Avukat Ġenerali, b'mod mill-aktar lejali tenna li ladarba ma kienx hemm ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest fis-sentenza li ġiet pronunzjata mill-Qorti, u ladarba l-piena inflitta ġiet skontata, f'dan l-isfond tal-fatti riżultanti r-rikorrent ma setgħax jibqa' jiġi miżmum taħt arrest preventiv.

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ jirriżulta li r-rikorrent mhux biss ġie kundannat għal piena karċerarja iżda wkoll laħaq skonta l-istess piena. Huwa minnu li fis-sentenza stampata jirriżulta li kien hemm frażi li tgħid li l-Qorti kienet qegħda tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest, iżda l-istess frażi ma kienetx riflessa fis-sentenza li ġiet pronunzjata mill-Qorti bil-miftuh. Issa din il-Qorti tagħraf li skont ġurisprudenza l-aktar riċenti dak li jagħmel stat huwa s-sentenza li tkun ġiet pubblikata mir-

Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali. U din il-posizzjoni legali hija waħda li tagħmel ħafna sens.

F'dan il-każ pero ġara li dak li ġie pronunzjat u miktub mill-Maġistrat li tat is-sentenza ma kienx jaqbel mal-kontenut ta' dak li ġie stampat. U din id-diskrepanza kienet waħda li tbiddel ix-xenarju kollu għall-posizzjoni tal-persuna misjuba ħatja. Din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-każ, inkluż in bażi għax-xiehda u sottomissjonijiet lejali tal-Ispettur Kylie Borg, nonche s-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali tqis li għandha eċċezjonalment tiddipartixxi minn dik il-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija u tiddikjara li hija konvinta li s-sentenza li kienet issawwar stat f'dan il-każ kienet dik pronunzjata mill-Qorti bil-miftuh kif ukoll dik li tidher miktuba minn id il-Maġistrat stess.

F'dan l-isfond għalhekk jirriżulta li dik il-Qorti filwaqt li ġustament kkundannat lill-ħati għall-piena karċerarja li kien jimmerita, naqset milli tirrevokalu l-ħelsien mill-arrest. Bil-konsegwenza għalhekk ma għandux jiġi issa miżmum taħt arrest preventiv meta dan l-ħelsien mill-arrest ma ġiex imneħħi fis-sentenza. Għandu għalhekk issa josserva l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest viġenti fuqu b'mod skrupoluż.

# ***DECIDE***

li wara li rat l-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li tqis li jirriżultalha li f'dan l-istadju u fl-isfond ta' kif żvolġew il-fatti f'dan il-każ, il-kontinwazzjoni tal-arrest tar-rikorrent mhix imsejsa fuq ebda disposizzjoni tal-Liġi li tawtorizza d-detenzjoni tar-rikorrent jew il-kontinwazzjoni tagħha u għalhekk qegħda tilqa' r-rikors u tordna li sakemm Aiden Bartolo mhux qiegħed jiġi miżmum taħt detenzjoni minħabba sentenza oħra jew minħabba proċeduri penali separati u distinti minn dawk in disamina, huwa jiġi meħlus mid-detenzjoni b'effett immedjat.

Il-Qorti tordna li dan id-digriet u l-atti ta' dan il-proċediment jiġi mibgħut lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-Liġi.

***Mogħtija illum it-3 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***